21 ta' Lulju, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Joseph Caruana Curran pr. et ne. *versus* Walter Mamo et.

**Bejgħ — Nuqqas ta' Konsenja ta' l-Oġġett tal-Bejgħ — Danni — Art. 1435 u 1112 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-konsenja tal-ħaġa mibjugħa fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul jew li jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa; iżda dan kemm il-darba d-dewmien ikun ġie kaġunat mill-bejjiegħ stess.*

*Imma jekk il-venditur ma jkunx fil-pożizzjoni li jikkonsenja l-ħaġa, il-kundanna pronunzjata kontra tiegħu biex jimmetti lill-kumpratur fil-pussess ta' dik il-ħaġa tirriżolvi ruħha f'riżarċiment ta' danni u nteressi. U ma hemm xejn fil-liġi li timpedixxi lix-xerrej illi, fl-istess ġudizzju, jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-ħaġa li xtara u l-kundanna tal-venditur għall-ħlas tad-danni u nteressi fil-każ li dan jonqos li jagħmel dik l-immissjoni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi għall-ħabta ta' nofs ix-xahar ta' Diċembru 1952 huwa xtara minn għand il-konvenuti partita "copper scrap" provenjenti minn "cable" u "wire" ieħor ta' l-elettriku; liema partita, skond kalkoli u skond użin magħmulin u aċċettati mill-partijiet, kellha tkun ta' 8330 ratal, tant li fuq daqshekk ġie fissat il-prezz tal-bejgħ għal £1200, li ġie kollu minnu mħallas mal-konklużjoni tan-negozju; u li ma' din ix-xirja, u minħabba l-provenjenza tagħha, kellu neċessarjament ikun hemm xi kwantità żgħira ta' ram isfar — liema ram, però, ma ġiex imdaħħal fin-negozju, u kellu jibqa' kollu proprjetà tiegħu; u li l-konvenuti kellhom jagħmlu konsenja immedjata tal-merċi minnhom mibjugħa, u huwa biegħ l-istess merċi lil ditta taljana għall-prezz ta' £240 kull tunellata c.i.f. Genova, u b'hekk kien sejjer jirrikava profitt ta' £46. 17. 8 netti kull tunellata; u li l-konvenuti għamlu biss konsenja parzjali tal-merċi, ammontanti għal 4390 ratal, u, non ostante l-protest tad-9 ta' April 1953, baqgħu inadempjenti; talab, prevja d-dikjarazzjoni illi l-konvenuti biegħulu l-partita "copper scrap" fuq deskritta bil-kondizzjoni fuq indikata dwar ir-ram isfar, tal-piż fuq imsemmi, riżultanti minn kalkolu u użin magħmulin u aċċettati mill-kontendenti, u li l-prezz ġie fissat fis-somma ta' £1200 in vista ta' dak il-piż, prezz li ġie minnu versat lill-konvenuti mal-konklużjoni tal-ftehim, u d-dikjarazzjoni li l-konvenuti kellhom jagħmlu konsenja immedjata tal-merċi, u d-dikjarazzjoni li għamlu biss konsenja parzjali fil-kwantità ta' 4390 ratal, u li baqgħalhom jikkonsenjaw kwantità ta' 3490 ratal, illi l-istess konvenuti jiġu kundannati jikkonsenjawlu, f'dak it-terminu perentorju li jiġi lilhom għal dan l-oġġett prefiss, l-imsemmi bilanċ tal-partita "copper scrap" fuq indikata, tal-piż ta' 3490 ratal; b'dana wkoll illi, jekk jgħaddi inutilment it-terminu li jiġi lilhom prefiss, l-istess konvenuti jkunu kundannati jħallsu lilu s-somma ta' £707. 0. 9, li tkun minnhom dovuta kwantu għal £566. 7. 9 in rifużjoni tal-prezz tal-merċi ġa minnhom inkassat, u li huma naqsu jikkonsenjaw, u kwantu għal £140. 13. 0 per saldu tad-danni, konsistenti fil-profitt mankat minnu soffert minħabba l-inadempjenza ta'

l-istess konvenuti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest fuq imsemmi u tal-mandati ta' l-elevazzjoni u sekwestru in data 21 ta' April 1953, u bil-lukri kummerċjali mid-9 ta' April 1953;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li ssottomettew, fost eċċezzjonijiet oħra, dik illi l-istanza ta' l-attur kif ġiet formulata ma tistax tiegi, billi huwa qiegħed jitlob, fl-istess att taċ-ċitazzjoni, l-eżekuzzjoni koattiva tal-ftehim minnu allegat, u, fin-nuqqas ta' din l-eżekuzzjoni, ix-xoljiment tal-bejgħ; fil-waqt li skond il-liġi (art. 1112(1) Kodiċi Ċivili) hu għandu jagħżel waħda miż-żewġ trieqat u jitlob id-danni dipendentement mit-trieq li jkun għażel;

Ikkunsidrat dwar dina l-eċċezzjoni, wara li semgħet lid-difensuri;

Illi, kif jirriżulta ċar biżżejjed mill-kumpless ta' l-att taċ-ċitazzjoni, l-attur qiegħed jitlob, peress illi, kif huwa jallega, il-konvenuti ma kkonsenjawx il-ħaġa kollha mibjugħa, il-prestazzjoni tal-parti mankanti, u in difett ir-riżarċiment tad-danni, kompriża r-restituzzjoni tal-prezz ta' dik il-parti mankanti, billi huwa ġa ħallsu lill-konvenuti;

Illi skond l-art. 1435 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna (li jaqbel kelma b'kelma ma' l-art. 1610 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż), "jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-konsenja fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa; iżda dan kemm il-darba d-dewmien ikun ġie kaġunat mill-bejjiegħ stess". Dina hija l-applikazzjoni ta' l-art. 1112, li jissottintendi l-kondizzjoni riżolutiva fil-kuntratti sinallagmatiċi, għall-każ meta waħda mill-partijiet ma tissodisfax għall-obligazzjoni tagħha. Il-parti li versu lejha l-obligazzjoni ma tkunx ġiet eżegwita għandha, f'dan il-każ, ix-xelta, jew li tikkostrinġi l-parti l-oħra għall-eżekuzzjoni tal-konvenzjoni, jew li titlob ir-riżoluzzjoni;

Illi skond Troplong u Pothier, li jikkommentaw 'il fuq imsemmi artikolu tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, kif ġa ntqal f'kollox bħall-artikolu tal-Kodiċi Ċivili Tagħna, is-sentenza li tordna l-immissjoni fil-pussess tekwivali għat-tradizzjoni li l-ven-

ditur kien innissu għamel u li naqas jagħmel, u f'każ ta' reżistenza da parti tiegħu għall-ordni tal-Qorti, huwa jista' jiġi koatt "manu militari"; għaliex din ma hix obligazzjoni "di fare", li tirriżolvi ruħha f'danni u interessi, imma hija inveċe obligazzjoni "di dare", li għandha tiġi adempjuta bl-ispoll komplet tal-venditur (Troplong, Della Vendita, paġ. 228);

Illi, però, jista' jagħti l-każ illi l-venditur ma jkunx jippossjedi l-ħaġa mibjugħa, jew għaliex ma jkun qatt ippossediha, jew għaliex ma tkunx aktar għandu. F'dan il-każ il-kundanna pronunzjata kontra tiegħu biex jimmetti lill-kumpratur fil-pussess tal-ħaġa tirriżolvi ruħha f'riżarċiment taddanni u interessi. "Quando il compratore ha fatto condannare il venditore ad immetterlo in possesso, può far eseguire la sentenza 'manu militari' e farsi così immettere in possesso, se il venditore possiede la cosa venduta. Ma se il venditore non la possiede, sia che non l'abbia mai avuta, sia che abbia cessato di averla, la condanna pronunziata contro di lui si risolverà in un risarcimento dei danni ed interessi" (Baudry-Lacantinerie — Saignat, Della Vendita e della Permuta, paġ. 318);

Illi, kif ġa ngħad, jirriżulta biżżejjed ċar mill-kontest ta' l-att taċ-ċitazzjoni li l-attur ippreferixxa jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-ħaġa venduta, fil-każ in diżamina l-prestazzjoni tal-parti mankanti, billi, kif ja'lega, il-konvenuti ma kkonsenjawx il-ħaġa mibjugħa kollha; u ma jistax ikun hemm dubju, kunsidrata d-dottrina u l-ġurisprudenza għar-rigward ta' dan, li l-attur għandu d-dritt jirreklama l-prestazzjoni tal-parti mankanti, u għalhekk huwa talab li l-konvenuti jiġu kundannati jikkonsenjawlu dik il-ħaġa mankanti fiż-żmien li l-Qorti tipprefiġġilhom; u talab ukoll, u ma hemm xejn fil-liġi li jimpedih li jagħmel hekk fl-istess kawża, konformement għal dak li ntqal fuq, jiġifieri li l-kundanna tirriżolvi ruħha f'danni u interessi fil-każ li ma tkunx tista' ssir l-immissjoni fil-pussess, li l-konvenut jirriżarċilu d-danni fil-każ li għal xi raġuni jew oħra huwa ma jkunx jista' jiġi immess fil-pussess; liema danni, fil-każ in diżamina, jikkomprendu wkoll il-prezz tal-ħaġa li huwa ġa ħallas. Ma hemm xejn x'jingħad, kwindi, kon-

tra l-mod kif l-attur ifformula t-talba tiegħu;

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni; però, kunsidrata l-kwistjoni talliġi li ndaħlet, tordna illi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa.